

2.4.2024

A9-0013/ 001-007

EMENDI 001-007

mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapport

Axel Voss

A9-0013/2024

Emenda tad-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tal-limiti ta' żmien għall-adozzjoni ta' standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għal ċerti setturi u għal ċerti impriżi ta' pajjiżi terzi

Proposta għal deċiżjoni (COM(2023)0596 – C9-0386/2023 – 2023/0368(COD))

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni

Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tal-limiti ta' żmien għall-adozzjoni ta' standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għal ċerti setturi u għal ċerti impriżi ta' pajjiżi terzi

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tal-limiti ta' żmien għall-adozzjoni ta' standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà għal ċerti setturi u għal ċerti impriżi ta' pajjiżi terzi

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) Biex jitnaqqas il-piż **tar-rapportar** fuq l-impriżi, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil

(3) Biex jitnaqqas il-piż tar-rapportar fuq l-impriżi, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030”¹⁰,

hinn mill-2030¹⁰, jenħtieġ li l-impriżi jitħallew jiffokaw l-ewwel fuq l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) XX/XXX. Għal dik ir-raġuni, l-iskadenza għall-adozzjoni tal-atti delegati li fihom ir-rekwiżiti ta' rapportar komplementari dwar is-sostenibbiltà msemmija fl-Artikolu 29b(1), it-tielet subparagrafu, tad-Direttiva 2013/34/UE jenħtieġ li tiġi posposta b'sentejn.

¹⁰ COM(2023)168.

jenħtieġ li l-impriżi jitħallew jiffokaw l-ewwel fuq l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) XX/XXX. Għal dik ir-raġuni, l-iskadenza għall-adozzjoni tal-atti delegati li fihom ir-rekwiżiti ta' rapportar komplementari dwar is-sostenibbiltà msemmija fl-Artikolu 29b(1), it-tielet subparagrafu, tad-Direttiva 2013/34/UE jenħtieġ li tiġi posposta b'sentejn. ***Madankollu, dan ma jwaqqafx lill-Kummissjoni milli tippubblika l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà speċifiċi għas-settur qabel dik id-data u jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel ħilitha biex tadotta tmienja mill-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà speċifiċi għas-settur hekk kif kull wieħed ikun lest.***

¹⁰ COM(2023)168.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) L-impriżi fl-istess settur spiss ikunu skoperti għal riskji simili relatati mas-sostenibbiltà, u spiss ikollhom impatti simili fuq is-soċjetà u fuq l-ambjent. Il-paraguni bejn l-impriżi fl-istess settur huma partikolarment siewja għall-investituri u għal utenti oħrajn tal-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà. Għalhekk, jenħtieġ li l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà jispeċifikaw kemm l-informazzjoni li l-impriżi fis-setturi kollha jenħtieġ li jiddivulgaw kif ukoll l-informazzjoni li l-impriżi jenħtieġ li jiddivulgaw skont is-settur ta' attività tagħhom. L-istandards dwar is-sostenibbiltà speċifiċi għas-settur

huma partikolarment importanti fil-każ ta' setturi assoċjati ma' riskji għolja mill-lat tas-sostenibbiltà għall-ambjent jew l-impatti fuq l-ambjent, id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza, inklużi s-setturi elenkati fit-Taqsimiet A, B (inklużi ż-żejt, il-gass, il-minjieri u l-faħam) sa H, K u L tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u l-attivitajiet rilevanti f'dawk is-setturi. Meta tkun qed tadotta standards dwar is-sostenibbiltà speċifiċi għas-settur, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-informazzjoni speċifikata minn dawk l-istandards dwar is-sostenibbiltà tkun proporzjonata għall-iskala tar-riskji u l-impatti relatati ma' kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà speċifiċi għal kull settur, filwaqt li tqis il-fatt li r-riskji u l-impatti ta' xi setturi huma ogħla milli għal oħrajn. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis ukoll il-fatt li mhux l-attivitajiet kollha f'setturi bħal dawn huma neċessarjament assoċjati ma' riskji jew impatti għoljin għas-sostenibbiltà. Għall-impriżi li joperaw f'setturi li jiddependu b'mod partikolari fuq ir-riżorsi naturali, l-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà speċifiċi għas-settur ikunu jeħtieġu d-divulgazzjoni tal-impatti relatati man-natura fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi u r-riskji għalihom.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Sabiex jiżgura l-kontroll demokratiku, l-iskrutinju u t-trasparenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni, mill-inqas darba fis-sena, tikkonsulta mal-Parlament Ewropew, u, b'mod konġunt, mal-Grupp

ta' Esperti tal-Istati Membri dwar il-Finanzi Sostenibbli, u mal-Kumitat Regolatorju tal-Kontabilità dwar il-programm ta' ħidma tal-EFRAG fir-rigward tal-iżvilupp ta' standards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà. Il-programm ta' ħidma tal-EFRAG fir-rigward tal-iżvilupp tal-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà jenħtiegħ li jinkludi informazzjoni dwar l-ippjanar, il-prijoritizzazzjoni u l-iskedi ta' żmien tiegħu għal abbozzi ta' standards futuri u riżultati tanġibbli oħra.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Artikolu -1

Test propost mill-Kummissjoni

ADOTTAW DIN **ID-DEĊIŻJONI**

Emenda

ADOTTAW DIN **ID-DIRETTIVA**

Emenda 6

Proposta għal direttiva Artikolu 1a (ġdid)

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 29b – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fl-Artikolu 29b(1), jiżdied subparagrafu ġdid qabel ir-raba' subparagrafu:

“Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tadotta tmienja mill-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà msemmija fil-punt (ii) hekk kif kull wieħed ikun lest.”

Emenda 7

Proposta għal direttiva Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Din ***id-Deċiżjoni*** għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Emenda

Din ***id-Direttiva*** għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

